Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont l-annotazzjoni 27 tal-Anness XVII tar-REACH)

(2012/C 142/05)

ESO [1]	Referenza u titlu tal-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	Referenza tal-istandard li ġie sostitwit
CEN	EN 1811:2011 Metodu ta' referenza ta' ttestjar għat-tisfija ta' nikil minn tagħmir magħmul minn diversi partijiet li jiddaħħal f'partijiet imtaqqbin tal-ġisem uman u artikoli maħsubin biex jiġu f'kuntatt dirett u fit-tul mal-ġilda	EN 1811:1998 + A1:2008
EN 1811:2011: L-istandard il-ġdid għandu kamp ta' applikazzjoni idjeq mill-istandard sostitwit. Fil-31 ta' Marzu 2013, l-istandard sostitwit (parzjalment) jieqaf japplika fir-rigward tal-metodi ta' ttestjar għat-turija tal-konformità mal-kundizzjonijiet tar-restrizzjoni għall-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istandard il-ġdid.		
CEN	EN 12472:2005+A1:2009 Metodu għas-simulazzjoni ta' xedd u korrożjoni biex wieħed jinduna bit-tisfija ta' nikil minn oġġetti miżbugħin	EN 12472:2005
CEN	EN 16128:2011 Metodu ta' referenza ta' ttestjar għat-tisfija ta' nikil minn dawk il-partijiet ta' frejms ta' nuċċalijiet u nuċċalijiet tax-xemx maħsubin biex ikunu f'kuntatt mill-qrib u fit-tul mal-ġilda	EN 1811:1998 + A1:2008
EN 16128:2011: L-istandard il-ġdid jieħu post l-istandard sostitwit fl-istess metodi ta' ttestjar għat-turija tal-konformità mal-kundizzjonijiet tar-restrizzjoni fl-annotazzjoni 27 tal-Anness XVII tar-REACH sakemm jiġi żviluppat standard ġdid għall-frejmijiet tan-nuċċalijiet tal-vista u għan-nuċċalijiet tax-xemx.		

[1] ESO: Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzar:
— CEN: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, Tel. +32 25500811, Fax +32 25500819 (http://www.cen.eu)
— Cenelec: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, Tel. +32 25196871, Fax +32 25196919 (http://www.cenelec.eu)
— ETSI: 650 route des Lucioles, 06921 Sophia Antipolis, FRANCE, Tel. +33 492944200, Fax +33 493654716 (http://www.etsi.eu)

NOTA:

— Kwalunkwe informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-istandards tista' tinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzar jew mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzar li l-lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emendata mid-Direttiva 98/48/KE.

— L-istandards armonizzati jiġu adottati mill-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni bl-Ingliż (is-CEN u s-Cenelec jippubblikaw ukoll bil-Franċiż u l-Ġermaniż). Sussegwentement, it-titli tal-istandards armonizzati huma tradotti fil-lingwi uffiċjali meħtieġa l-oħrajn kollha tal-Unjoni Ewropea mill-Korpi Nazzjonali tal-Istandards. Il-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli mill-korrettezza tat-titli li tressqu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-Komunità.

— Din il-lista tieħu post il-listi kollha preċedenti pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

— Aktar informazzjoni dwar standards armonizzati tinstab fl-Internet f'

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/european-standards/harmonised-standards/index_en.htm